

# Il-Knisja ta' San Gejtanu – Ħamrun

minn Horace Muscat - *President Onorarju Għaqda tal-Mużika San Gejtanu*

F'din il-kitba sejjer għal ħafna minnkom inġedded il-memorja ta' dak li diġà nkiteb jew mill-ġenituri tagħna, kif ukoll mill-antenati u nies oħra li ġieli rrakkontaw dak li semgħu dwar kif kien il-Ħamrun għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħtiġijiet spiritwali. Taħt liema parroċċa kont taqa' kien jiddependi minn fejn twelidt jew kont toqgħod. Meta kont tiġi għall-bżonnijiet spiritwali tiegħek, bħal ma huma magħmudija, Griżma ta' l-Isqof jew żwieġ, kont trid tmur jew B'Kara Sant'Elena, jew Ħal Qormi San Ġorġ jew il-Belt Valletta mill-1843, meta l-Furjana saret Parroċċa taħt it-titolu ta' San Publiju għax qabel xi Ħamruniżi kien ikollhom jinqdew bil-Belt Valletta. Dan ma ilux ħafna żmien: mija u sbatax-il sena biss (117) sa ma sirna Parroċċa fl-1881.

Hawn ma nistax ma nsemmix fejn kienu jmorru l-antenati tagħna li kienu jabitaw fuq din il-medda ta' art għall-bżonnijiet ta' kuljum. Dejjem bil-pjaċir tal-proprjetarji, kienu jużaw il-Knisja li aħna l-Ħamruniżi nsibuha bħala tas-Samra, il-Knisja li nsibuha bħala Santu Nuzzu (Porto Salvo), il-Knisja ta' San Ġużepp li llum ma għadiex teżisti minflok l-Istitut ta' San Ġużepp jew aħjar fejn illum hemm il-pompa tal-Petrol jew il-Knisja tad-Duluri f'Tal Pietà, b'hekk żgur li l-poplu ma kienx moqdi tajjeb għall-bżonnijiet tiegħu. Biex tinġibed l-attenzjoni ta' l-awtorità kemm ekkleżjastika u ċivili kellhom isiru kemm appelli fil-gazzetti kif ukoll rikorsi. Wieħed minn ta' l-aħħar li sar kien fl-1862[1], biss ir-rikors sar fi żmien meta l-gżejjer tagħna ma kienx ilu wisq li laħaq Isqof Patri Maestru Fra Gaetano Pce Forno. Dan kien sinjur minn familja nobbli u ġie msejjaħ mis-Santa Sede biex isir Isqof biex ikun Kondjatur ta' l-Arċisqof Sant li kien marid[2]. Fra Gaetano Pace Forno ġie kkonsagrat Isqof mill-Kardinal Perrizi, bit-Titolu ta' Isqof ta' Ebros[3] u wara ftit taż-żmien sar il-Pussess tiegħu għad-Djoċesi ta' Malta u Għawdex[4].

Dan l-Arċisqof li kien mimli b'ħafna enerġija kif ukoll jippossedi ħafna studju, wieħed isib li dan kellu diġà kuntatti tajbin mal-Gvernatur Grant li kellha Malta dak iż-żmien. L-Isqof Pace Forno u l-Gvernatur Grant flimkien tkellmu fuq il-bżonn ta' Knisja għal poplu dejjem jiżdied tal-Ħamrun. Il-Gvernatur aċċetta li tinxtara l-art li fuqha nbniet il-Knisja[5] li għandna llum, il-pass baqa' sejjer mgħaġġel li f'qasir żmien sar it-Tberik ta' l-Ewwel Ġebla[6] billi l-maġġoranza ta' l-antenati tagħna kienu fqar, l-art li nxtrat ma setgħetx tinbena ħlief bix-xogħol li setgħu jagħtu volontarju. Għalhekk l-Arċisqof Gaetano Pace Forno li kellu fiduċja li kemm in-Nobiltà, Neguzjanti kif ukoll is-Sinjuri Maltin ta' dak iż-żmien kienu sejrin jikkoperaw miegħu finanzjarjament, ħatar kumitat biex jieħu ħsieb il-ġbir. Dan kien magħmul minn Dun Fortunato Valletta (Rettur) ta' dak iż-żmien, Mikiel Ang Xerri, Giuseppe Sammut, Giobatta Muscat, Gaetano Lagresti, Emmanuele Imbroll, Giuseppe Muscat, Francesco Ellul[7].

Tajjeb li wieħed jispjega kif sar il-ġbir. Min kien jiflaħ intrabat li jibda jagħti somma fix-xahar[8]. Hawn l-Arċisqof Gaetano Pace Forno biex jagħti l-eżempju beda jagħti 50

skud kull xahar, kien hemm min intrabat li jagħti somma kull sena sa ma jitlesta x-xogħol, oħrajn wiegħdu li jagħtu somma darba waħda biss. L-għajnuna bdiet ġejja minn diversi sorsi fejn insibu li fl-*Union Club* bdew isiru t-tombli[9], donazzjonijiet oħra saru fosthom mid-dħul għal Show Ċiniż[10], reċti fit-Teatru Manoel[11], tombla ġewwa l-Borża mis-Soċjetà ta' St. Vincent de Paola[12] li minnha kien sar qliegħ ta' £57 lira (sebgħa u ħamsin lira) li kienu ħafna għal dak iż-żmien. L-istess insibu li t-Taljan ħass li għandu jgħin billi ta xahar paga[13], sar ukoll li dawk kollha li jagħtu flus isir Quddies għal ruħhom. Biss b'dan il-ġbir kollu ma setax ikompli x-xogħol.

Il-Kumitat maħtur għall-ġbir tal-bini tal-knisja kellu jerġa' jitlob lill-Gvern jagħti mitt lira (£100) biex jitkompla x-xogħol.[14] Biss din it-talba ma ġietx aċċettata għax riedet issir lill-Avukat tal-Kuruna[15]. Hawn wieħed irid jifhem il-burokrazija li għadha teżisti llum aħseb u ara dak iż-żmien. Biss sa ma rranġa dan l-iżball, il-Membri Eletti offrew somma flus huma[16]. Dan ma kienx biżżejjed u saru appelli għal ġabra minn kulħadd darba biss[17]; hawn wieħed jista' jifhem il-faqar ta' dak iż-żmien.

Biex wieħed ikollu idea tal-faqar li kien jeżisti, il-Kurat Dun Fortunato Valletta kien għal 24 (erbgħa u għoxrin) siegħa kuljum, isajjar il-minestra biex ikun jista' jitrejjaq u fix-xitwa jsaħħan ftit lill-foqra mill-bard[18]. Tajjeb li qegħdin insemmu l-faqar għax dan kien jeżisti f'kollox. L-aqwa introjtu li kellu kull kappillan kien it-tberik ta' l-Għid il-Kbir għad li ma kienx ikun fi flus, insibu li l-Arċipriet tal-Furjana li kien dam ħafna snin jiddependi mill-Belt Valletta, l-akwata li kienet taqa' taħtu kien jagħti permess lil Dun Fortunato Valletta biex ibierek huwa. Biss ta' B'Kara u ta' Ħal Qormi kienu jiġu huma għal dan id-dritt[19] darba fis-sena, biss matulek ja sena ried ilaħħaq kollox Dun Fortunato.

Wara insistenza mill-membri tal-Gvern Eletti ingħatat is-somma ta' £200 (mitejn)





*Il-pjanta tal-Knisja kif kellha tkun u kif inbidlet*

lira[20] biss tajjeb li wieħed isemmi li fl-istess waqt li kienet qiegħda tinbena l-knisja tagħna, sar il-ħruq tat-Teatru Rjal, u l-Gvern sab numru kbir ta' eluf biex seta' jinbena mill-ġdid dan it-teatru. Mhux knisja waħda biss kienet tista' tinbena minn din is-somma imma numru ta' knejjes.

L-Arċisqof Geatano Pace Forno ta' spiss kien jiġi passiġġata ġewwa l-Ħamrun ħalli jara x-xogħol kif huwa sejjer u nsibu li f'waħda minn dawn iż-żjarat huwa kien iltaqa' ma' Gvernatur u Prinċep Daniż[21]. Dan il-bniedem ħadem kemm felaħ biex jara l-knisja ta' San Gejtanu, li jġib ismu, lesta. Hawn tajjeb li wieħed jgħid li ġewwa l-Gżejjer tagħna d-devozzjoni lejn San Gejtanu kienet teżisti minn qabel ma ġie mgħolli għall-ġieh fuq l-Altar tal-knisja tagħna. Fil-fatt insibu altari ddedikati lil San Gejtanu fiż-Żejtun, fil-Katidral ta' l-Imdina kif ukoll ġewwa l-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt fejn hemm ukoll bust tal-fidda li s-sena l-oħra kien fostna, kif ukoll insibu diversi altari u pittura mxerrda mal-Gżejjer Maltin.

Aħbar li żgur ħadd ma kien jistenniha kienet il-mewt ta' l-Isqof Gaetano Pace Forno li ġrat waqt li kien għal vista ta' rutina fil-Vatikan meta xi ħin waqaf għand il-familja tiegħu ġewwa Napli u miet f'Castel dal Mare. Il-mewt tiegħu xxukkjat lil kulħadd speċjalment lilna l-Ħamruniżi li tlifna l-akbar benefattur tal-Knisja tagħna.

Meta sar it-tberik tal-Knisja nhar il-5 ta' Lulju 1875 mis-suċċessur tiegħu l-Arċisqof ta' Rodi u l-Isqof ta' Malta, il-Konti Carmelo Scicluna[22], dan ġie milqugħ minn Dun Fortunato Valletta u mill-Kappillan ta' Ħal Qormi Kan. Luigi Vella. Hawn tajjeb li nsemmu li f'dan it-titular li kien ħallas għalih l-Arċisqof Gaetano Pace Forno kif ukoll l-altar maġġur li kien ta' l-irħam mill-aktar fin li kien magħruf ma' Malta kollha kif ukoll il-Presbiterju ta' l-irħam, komplut bi trieħi huma meqjusa opri ta' arti fina li saru mill-Markiża Scicluna[83] li kienet waħda mill-benefatturi kbar tal-knisja tagħna anke waqt il-bini tal-knisja.

Dawn jista' wieħed illum japprezza xi wħud minnhom nhar Ħamis ix-Xirka fl-Altar tad-Depożizzjoni (Sepulkru).

Wieħed ma jistax ma jsemmix li sakemm sar dan it-tberik il-ġbir kollu kien ta' total Sc. 37,118 1 14 u l-ispejjeż kienu Sc. 35,205 6 0 filwaqt li l-bilanċ kien ta' Sc.1912 7 14. Dan sar wara li saret xi kritika fuq il-ġbir, xi darba oħra wieħed jagħti min kienu dawk li taw dan il-flus. (Nota: skud huwa ekwivalenti għal 8 cents 4 mils ta' llum li kienu qabel ukoll jiswew 20 sold, u kull 12-il wieħed lira).

Dawk li għandhom ċertu età jiftakru l-Festi li saru fis-sena 1975 għeluq l-Ewwel Ċentinarju ta' dan it-tberik ta' l-Ewwel Ġebla, biss dawk kollha li għandhom 23 sena jew inqas tajjeb li wieħed jerġa' jfakkar dan l-avveniment li għaqqad il-Ħamrun ħaġa waħda. Dakinhar sar avveniment li kien għadu, kif ukoll sa issa qatt ma sar ġewwa lokal ieħor, meta ż-żewġ baned sar *massed band* fejn fost ħwejjeġ oħra ndaqqu ż-żewġ innijiet klassiċi li għandhom kemm l-Għaqda San Gejtanu ta' Mro Jos. Abela Scolaro kif ukoll dak ta' l-Għaqda San Ġużepp ta' Mro Antonio Meruzzi, it-tnejn versi ta' Dun Frans Camilleri. Flimkien ma' dawn, indaqqu l-innijiet tal-baned rispettivi taħt id-direzzjoni ta' Mro Lorry Borg u Nazzareno Mifsud flimkien mal-Kor tal-Ħamrun taħt Dun Ġużepp Cachia fl-aqwa tiegħu bl-istatwa barra l-bieb tal-knisja, il-kor u l-*massed band* fuq it-taraġ u l-bankina, deħra li min vera għandu demm Ħamruniż jiġri fih, kieku ħaġa possibli, jaraha aktar spiss. Biss illum ukoll għandna għaxqa lejlet il-festa bil-*massed bands*, pass li seta' jseħħ għax kien hemm is-sodda diġà lesta.

Tajjeb li hawn wieħed isemmi meta, u minn min ittieħdet id-deċiżjoni li ma jkomplix

u jieqaf ix-xogħol tal-koppla li kienet deċiżjoni ta' Arċisqof Mons. Conti Carmelo Scicluna u l-poplu Ħamruniż kellu jistenna sa l-1956 bil-ġbir li kien isir kull ġimgħa għall-Koppla li ħafna kienu jagħtu sold kull darba (5 mils) jiġifieri wara 76 sena[24], f'ġieh is-sewwa wieħed ukoll irid isemmi li dan l-Isqof Scicluna fit-testment tiegħu ħalla renta ta' razzett u każin fi Strada Villa Ambrosa li hija klawsola 4 għal Eżerċizzi fil-knisja ta' San Gejtanu, kif ukoll fi klawsola 7 insibu li ħalla elfejn skud (2000). Bħalha ħalla lil ta' Stella Maris u tlett elef lill-Imsida San Ġużepp[25].

Meta sirna parroċċa fl-1 ta' Diċembru 1881, sena wara saru l-aktar Festi Kbar Solenni lil San Gejtanu[26], biss għad li sirna parroċċa, biex sar il-Kappillan kellha tasal is-sena 1883 fejn l-Isqof ta' dak iż-żmien talab li jsir eżami u l-karti marru għand il-Papa Ljun XIII[27] biex wara li kien ilu jservi lill-poplu għal aktar minn ħamsa u għoxrin sena inħatar Dun Fortunato Valletta[28].

Tajjeb li wieħed isemmi li meta sirna Parroċċa, kellha taħt il-ħarsien tagħha mill-Bieb tal-Bombi sal-Bieb ta' Fleur de Lys, kif ukoll sal-Knisja tad-Duluri tal-Pietà u l-Marsa sa Sally Port, li minnhom illum ħarġu dawn il-Parroċċi: l-Immakulata Kunċizzjoni Ħamrun, Santa Venera, Marsa S.S. Trinità u Maria Regina, kif ukoll ta' Fatima G'Mangia. Possibli li bħala Arċimatriċi ma ħaqqniex insiru xi żmien qrib Arċipretali??

Wieħed ma jistax iħalli barra lill-Perit il-Professur Ġorġ C. Schinas li kien il-Kap tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet kif ukoll Kunsillier tal-Gvern, biss meta wieħed jara l-Pjanti Oriġinali jistaqsi kif ma ġewx esegwiti fedelment speċjalment bil-kampnari magħluqa eċċ...?

L-iskop huwa biex min jaqra dan l-artiklu jara kemm jaf minn dan li semmejt. Jekk inti xi għalliem, meta tagħmel xi proġett ipprova daħħal lill-istudenti biex imorru jfittxu ġewwa l-biblijoteka, għalhekk għamilt dawn ir-referenzi. Jekk inti ġenitur jew student u qiegħed taqra dan, ġej is-sajf, mur qalleb ftit ħalli tkun taf aktar fuq il-Knisja ta' San Gejtanu u l-Ħamrun ħalli int ukoll jasal iż-żmien li ssir ċittadin dehen tal-Ħamrun kif ukoll kburi bih u l-Qaddis tal-providenza San Gejtanu żgur li dejjem ikun miegħek. Il-Festi t-tajba lil Kulħadd.

Niddedika din il-kitba lill-benefatturi kollha u lill-voluntieri li ħadmu biex illum għandna dan it-tempju, fosthom lin-nannu tiegħi Salvu Barbara.

**Referenzi:**


1 Il-Ħatar 24.4.1862.
2 Segmond Vol. 1, p.428-431 Storja ta' Malta
3 ibid.
4 ibid.
5 L'Ordine 3.12.1868
6 L'Ordine 17.6.1869
7 Ara l-pittura ta' l-Arċisqof Gaetano Pace Forno fis-Sagristija tal-Kumitat.
8 L'Ordine 7.9.1871
9 Corriere Mercantile 3.12.1870. L-Ordine 8.12.1870.
10 L'Ordine 7.9.1871.
11 L'Ordine 4.1.1872.
13 Lo Smascheratore 20.11.1873.
14 L'Ordine 3.3.1874.
15 L'Ordine 19.3.1874.
16 Lo Smascheratore 1.11.1873.
17 Fede ed Azione 31.10.1873.
18 Lo Smascheratore 20.12.1873
19 Lo Smascheratore
20 L'Ordine 23.4.1874.
21 Lo Smascheratore 20.12.1873
22 Fede ed Azione 15.7.1875.
23 Fede ed Azione 29.7.1875.
24 Lo Smascheratore 10.1.1880.
25 Il-Ħabib Malti 6.8.1888.
26 Corriere Mercantile Maltese 8.8.1882.
27 L'Ordine 16.9.1883.
28 L'Ordine 20.2.1884.